MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2011

Numru. 232/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Hersey**

**vs**

**John Mary Caruana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Mary Caruana ta’ 49 sena iben Carmel u Michelina Zammit, imwieled Qormi fil-25 ta’ Gunju 1961 u residenti ‘Taormina Court’ Flat 2, Triq Vincenzo Hyzler, San Gwann u detentur ta’ karta tal-identita’ numru 438361(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-17 ta’ Gunju 2010, u fil-jiem ta’ qabel gewwa l-‘Eda’ restaurant, Zabbar Road, Fgura u f’partijiet ohra f’dawn il-

Gzejjer, impjega jew ta xoghol lill-persuna (Ayar Emre Passaport Turk nru: 517027), li ma kienx persuna ezenti u li ma kellux licenzja moghtija lilu ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-artiklu 32 1(b) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bhala persuna responsabbli tax-xoghol li kien qed isir gewwa ‘Eda’ restaurant Zabbar Road, Fgura, u nhawi ohra f’Malta, impjega persuna (Ayar Emre Passaport Turk nru: 517027) li ma kienx cittadin ta’ Malta, u meta dan il-persuna ma kellux permess tax-xoghol validu u ufficjali.

Fl-istess cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra, full-time, part-time jew xort’ ohra b’kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b’dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (Art. 7 u 3a).

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta’ Dicembru 2010 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2011 ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-9 ta’ Gunju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll il-fatt li huwa ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 7 u 3 (a) tal-Avviz Legali 110/1993, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ elf mija u erbgha u sittin ewro (€1164).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------